**25 ta' Marzu, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Cacopardo

*versus*

Ministru tax-Xogħolijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet

**Xhud - Sigriet Professjonali - Appell - Interess - Leġittimu Kontradittur**

*Ir-rikorrent kien allega ksur tad-drittijiet tiegħu ta' libertà ta' espressjoni u ta' non-diskriminazzjoni politika. Fil-kors tas-smigħ tal-kawża editur ta' ġurnal ġie mtella' jixhed biex jgħid minn kien l-awtur ta' artikoli li deħru fil-gazzetta. Ix-xhud ippretenda li dik l-informazzjoni kienet ipprivileġġjata. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnatlu jirrispondi. Ix-xhud appella minn dak id-digriet.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rritjeniet li dak ix-xhud ma kellux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jinterponi appell mid-digriet u għalhekk l-appell minnu interpost kien inammissibli.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' Carmel Cacopardo ppreżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fit-2 ta' Novembru, 1984, li bih l-imsemmi rikorrent, wara li ppremetta li jaħdem fit-Taqsima tad-Drenaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u ggradwa bħala Perit f'Diċembru, 1982, għalkemm sal-lum huwa baqa' ma ngħatax il- "*warrant*" ta' perit minkejja li għandu l-kwalifiki meħtieġa, illi fit-3 ta' Ottubru, 1984 huwa ġie avżat mill-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet, l-intimat Godwin Drago, illi huwa kien ser jiġi mkeċċi mill-impjieg, illi r-raġuni mogħtija verbalment għat-tkeċċija kienet il-kitba tar-rikorrent fil-ġurnali - b'riferenza għall-artikoli "Emanċipazzjoni?", "Il-Pedamenti tar-Repubblika", "Meta se Nibdew (1)" u "Meta se Nibdew (2)", illi tkeċċija tiegħu ġiet ikkomunikata lilu bil-miktub fit-8 ta' Ottubru, 1984 mingħajr ma ngħatat raġuni bil-miktub għaliha, illi fid-9 ta' Ottubru, 1984 ir-rikorrent ġie maħruġ 'il barra mill-uffiċju mill-Pulizija, illi t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu *ai termini* ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u dan in vista tal-fatt illi diversi persuni li jaħdmu mal-Gvern b'fehmiet

politiċi li jissimpatizzaw mal-Partit fil-Gvern jiktbu artikoli regolarment fil-ġurnali anke politiċi mingħajr ma ttieħdu ebda passi kontra tagħhom u illi inoltre, ir-raġuni għat-tkeċċija mogħtija, ċjoè il-kitba tiegħu fil-ġurnali, tammonta għal ksur tal-libertà ta' l-espressjoni kif maħsuba fl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, talab li dik il-Qorti: (1) tiddikjara u tiddeċidi li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg tammonta għal diskrimazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu u tikser id-dritt tiegħu għal libertà tal-espressjoni; u (2) tħassar it-tkeċċija tiegħu mill impjieg; u (3) tagħti kwalunkwe ordni jew direttiva li tqis xierqa biex jiġu adegwatament protteti d-drittijiet u l-interessi tar-rikorrent, - bl-ispejjeż kontra l-intimati nomine;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u ta' l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet li biha ssottomettew illi: (1) ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedju li għandu li jadixxi t-Tribunal Industrijali fi proċeduri kontra t-tkeċċija tiegħu, għat-tenur ta' l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u għalhekk il-Qorti għat-tenur ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fiha vestiti skond id-disposizzjonijiet iċċitati mir-rikorrent; (2) il-Ministru tax-Xogħlijiet ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi l-Agent Direttur tax-Xogħlijiet jidher għan-nom u in rappreżentanza tad-Dipartimemt tiegħu fi proċeduri ġudizzjarji f'kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-attivitajiet ta' dak id-dipartiment u l-ġudizzju huwa integru mingħajr in-neċessità li ma' l-Aġent Direttur ikun hemm anke fil-kawża l-Ministru u (3) fil-mertu d-domandi huma mingħajr bażi tant għar-rigward ta' l-allegazzjoni ta' ksur tal-libertà ta' l-espressjoni taħt l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u kemm għar-rigward ta' l-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu peress li hija raġuni valida ta' tkeċċija l-kritika dispreġġattiva kontra

l-Gvern b'artikoli ppubblikati fil-ġurnali minn persuni mħallsa minn flus il-poplu; u għalhekk fi kwalunkwe każ id-domandi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Diċembru, 1984, u ta' l-24 ta' Jannar, 1985;

Rat *id-digriet mogħti fl-24 ta' Jannar, 1985 mill-*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, li bih dik il-Qorti wara li kkunsidrat it-talba tax-xhud Anthony Farrugia sabiex ma jixhedx dwar l-identità tal-kittieb Reno Borg u wara li semgħat lill-partijiet u wara li rat l-Artikolu 587 u 589 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ċaħdet dik it-talba u ordnat lix-xhud biex iwieġeb għad-domandi relattivi għall-persuna msemmija;

Rat ir-rikors tax-xhud Anthony Farrugia ppreżentat f'din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 1985, li bih appella mill-imsemmi digriet u talab, għar-raġunijiet hemm sottomessi li din il-Qorti tirrevoka d-digriet fuq imsemmi mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar, 1985 u minflok tordna li l-appellant m'għandux iwieġeb għad-domandi relattivi għall-persuna msemmija u għad-domandi relattivi għall-awtur tal-kitba li tidher bħala ġejja minn Reno Borg;

Rat ir-risposta tal-Ministru tax-Xogħlijiet u l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet ippreżentata fl-1 ta' Frar, 1985, li biha ssottomettew li l-meritu ta' dan l-appell ma jikkonċernax lill-Ministru tax-Xogħlijiet u l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet imma lill-appellant Anthony Farrugia fil-konfront tiegħu ma' l-imsemmi Carmel Cacopardo;

Rat ir-risposta tar-rikorrent Carmel Cacopardo ppreżentata fil-5 ta' Frar, 1985, li biha rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti u fl-istess ħin għamel xi sottomissjonijiet għall-aħjar istruzzjoni tal-każ;

Rat l-atti l-oħra relivanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell jistgħu jiġu kkompendjati b'dan il-mod: fir-rikors tiegħu tat-2 ta' Novembru, 1984 ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili r-rikorrent Carmel Cacopardo qiegħed jallega li huwa ġie mkeċċi mill-impjieg tiegħu mal-Gvern minħabba l-kitba tiegħu fil-ġurnali, u li din it-tkeċċija tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu u dana, skond hu, in vista tal-fatt illi diversi persuni li jaħdmu mal-Gvern b'fehmiet politiċi li jissimpatiżżaw mal-Partit fil-Gvern jiktbu artikoli regolarment fil-ġurnali anke politiċi mingħajr ma ttieħdu ebda passi kontra tagħhom. L-istess rikorrent għalhekk talab ***inter alia*** li l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi li t-tkeċċija tiegħu mill-imjieg tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu;

Fil-kors tas-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Diċembru, 1984, l-Avukat Reno Borg, meta ġie prodott bħala xhud mir-rikorrent Cacopardo, kien esprima x-xewqa li possibilment ma jiġix mistoqsi dwar kitbiet tiegħu "minħabba li jista' jkun hemm konsegwenzi kontra tiegħu", iżda l-ewwel Qorti, b'digriet tagħha ta' dik in-nhar stess, kienet ċaħditlu t-talba u ordnatlu li

jixhed. Wara li xehed, l-imsemmi rikorrent Cacopardo, fl-istess seduta quddiem l-ewwel Qorti, ipproduċa bħala xhud lil Anthony Farrugia li xehed li huwa għandu l-kariga ta' Editur tal-ġurnal "It-Torċa". Dan ix-xhud ġie mistoqsi dwar fotokopja ta' artikolu li deher f'"It-Torċa", u huwa rrisponda *li kull ma kien qed jara* hija kopja fotostatika u jekk ikollu l-opportunità li jqabbilha ma' l-oriġinal ikun f'qagħda li jirrispondi aħjar dwaru. Meta l-istess xhud ġie mistoqsi dwar l-identità tal-kittieb ta' dak l-artikolu, huwa talab lill-ewwel Qorti li in vista tal-fatt li huwa Editur u jkollu ċerta riserva *"ratione ufficii"*, possibilment teżentah minn dik id-domanda. L-ewwel Qorti f'dak l-istadju ssospendiet id-depożizzjoni tiegħu u, kif jidher mill-imsemmi verbal tat-28 ta' Diċembru, 1984, irriservat li tagħti provvediment dwar jekk ix-xhud għandux jirrispondi dwar l-identità tal-kittieb u dan ukoll wara li l-istess xhud ikun jista' jivverifika d-dokument esebit;

Fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar, 1985 l-ewwel Qorti tat digriet li bih ċaħdet l-imsemmija talba tax-xhud u ordnatlu biex iwieġeb għad-domandi relattivi għall-persuna fuq imsemmija;

In segwitu għall-imsemmi digriet, kif anke jidher mill-verbal fuq imsemmi ta' l-24 ta' Jannar, 1985, ix-xhud Anthony Farrugia beda jixhed u wara li sarulu diversi domandi, ġie mistoqsi jekk jistax jeskludi bil-ġurament tiegħu jekk l-imsemmi artikolu kitbux Dr. Reno Borg u għal din il-mistoqsija x-xhud għażel li ma jwiġibx. Il-Qorti, kif jidher mill-imsemmi verbal ta' l-24 ta' Jannar, 1985, issospendiet is-seduta u ordnat li x-xhud jibqa' ssegregat u ma jikkomunika ma' ħadd. Meta l-Qorti reġgħet sejħet il-kawża, fuq talba tar-rikorrent Cacopardo, mhux opposta mill-parti l-oħra, id-depożizzjoni tax-xhud Anthony Frrugia ġiet sospiża bir-riserva espressa li dak ix-xhud jista' jiġi rrikjamat aktar tard.

Fit-28 ta' Jannar, 1985 ġie pprezentat ir-rikors ta' appell preżenti mill-imsemmi xhud Anthony Farrugia fejn talab, kif diġà ingħad li dil-Qorti tirrevoka l-imsemmi digriet ta' l-24 ta' Jannar, 1985, u minflok tordna li hu m'għandux iwieġeb għad-domandi relattivi għal din il-persuna, u għad-domandi relattivi għall-awtur tal-kitba li tidher bħala ġejja minn Reno Borg;

Ikkunsidrat:

Jidher għalhekk minn dak li ġie fuq espost illi dana mhuwiex appell li qiegħed isir minn xi wieħed mill-partijiet fil-kawża imma prodott minn persuna estranea għall-kawża, minn xhud li ġie prodott minn wieħed mill-partjiet. Kien għalhekk li din il-Qorti ssollevat għall-konsiderazzjoni ta' l-imsemmi appellant preżenti setax isir skond il-liġijiet tal-proċedura;

Għal din id-diffikoltà ssollevata mill-Qorti id-difensur ta' l-appellant issottometta li l-appellant seta' jinterponi l-appell preżenti bħala persuna interessata. Għalhekk jinkombi lill-Qorti li fl-ewwel lok teżamina u tiddeċidi din il-kwistjoni;

L-Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jagħti dritt lit-terzi biex jappellaw u li fuqu qed jistrieħ l-appellant biex isostni l-appell tiegħu, jiddisponi illi "l-appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet fil-kawża izda minn kull min ikollu interess;"

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi f'materja ta' interess jeħtieġ li l-interess, apparti li jkun konkret, ikun jissussisti fil-konfront ta' min issir id-domanda ġudizzjali. Dan il-prinċipju jidher li ġie l-ewwel enunċjat mill-Imħallef Paolo

Debono fil-kawża "Brockdorff vs. Pace Balzan", 8 ta' April, 1899 (Kollez. Dec. Vol. XVII-III-15) b'dawn il-kliem: "*Appena e' necessario di aggiungere che l'interesse ossia il motivo della domanda giudiziale dev' essere concreto e sussistere di fronte, a colui contro il quale la domanda viene proposta;*"

L-istess prinċipju ġie rrikonoxxut mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fil-kawża "Lord Strickland vs. Nobile Federico Caruana Gatto", 16 ta' Diċembru, 1932 (Kollez. Dec. Vol XXVIII-II-317, 321) u fil-kawża "Balluci vs Vella Gera noe", 12 ta' Marzu, 1946 (Kollez. Dec. Vol. XXXII-II-257,259) u minn din il-Qorti fil-kawża "Xuereb vs. Petrococchino noe et", 4 ta' Diċembru, 1944 (Kollez. Dec. XXXII-I-540,543);

L-imsemmi prinċipju ġie applikat minn din il-Qorti fil-kawża "Zammit et vs Formosa et" deċiża fil-11 ta' Ġunju, 1948 (Kollez. Dec. Vol. XXXIII-I-662, 665) fejn l-appell kien ġie interpost a bażi tad-disposizzjoni tal-liġi fuq iċċitata li tgħid li l-appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet izda anke minn dak li għandu interess bħalma qiegħed jippretendi li għandu l-appellant preżenti. F'dak l-appell din il-Qorti, wara li ċċitat l-imsemmi prinċipju enunċjat fil-kawża fuq imsemmija "Brockdorff vs. Pace Balza", kompliet tgħid: "għaliex allura jista' joħroġ l-interess li jissosstanza t-talba u l-appell b'leġittimu kontradittur" u ċċitat bħala eżempju l-każ deċiż minnha stess fid-29 ta' Novembru, 1918 in re "Mallia vs. Curmi Ceci et" (Kollez. Dec. Vol. XXIII - paġna 693) fejn l-appellant kellu di fronte għall-attur ta' allura leġittimu dritt li jikkontesta t-talba għall-pregradwazzjoni ta' depożitu;

Jeħtieġ mela, skond id-deċiżjonijiet fuq iċċitati li jkun hemm legittimu kontradittur biex wieħed jista' jgħid li l-

appellant għandu interess li jintitolah jappella skond it-termini ta' l-Artikolu 234 fuq iċċitat;

Fil-każ preżenti huwa evidenti li l-appellant m'għandux l-ebda rapport ġuridiku mar-rikorrent u ma' l-appellati intimati u huwa daqstant ieħor evidenti li l-appellant m'għandux interess fl-eżitu finali tal-kawża preżenti. Għalhekk l-appellant ma jistax jitqies li huwa leġittimu kontradittur ta' xi wieħed mill-partijiet fil-kawża u kwindi jonqos dak l-element ta' interess li jintitola lit-terz li ma jkunx parti fil-kawża li jinterponi appell taħt l-Artikolu 234 fuq iċċitat;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara inammissibbli l-appell fuq imsemmi magħmul minn Anthony Farrugia u kwindi null. L-ispejjeż ta' dan l-appell fiċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa.